# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 614/2016/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Lennie Cortis**

Illum 24 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Lennie Cortis**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 242588(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. fid-29 ta' April 2009 u fiż-żmien ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar mhux reġistrata mal-Kummissarju tal-Pulizija;

2. fl-istess data, lok, u ċirkostanzi ġie fil-pussess ta' arma tan-nar, jiġifieri *revolver*, xort'oħra milli b'liċenzja, u minnufih naqas li jagħti avviż tagħhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, ħalli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon għandhomx jinżammu taħt idejn il-Pulizija jew taħt idejn il-persuna li tkun tat l-avviż;

3. fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew depożitat għandu u/jew taħt il-kontroll tiegħu *revolver* li l-importazzjoni u l-pussess tiegħu huwa projbit u/jew ristrett, għandu valur ta' ħamsin Euro (€50.00) u dazju xejn u dan bi ksur ta' Artikolu 60(b)(k), 62(a)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-*proviso* ta' Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra l-piena skont il-liġi, tordna l-konfiska tal-oġġetti eżebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Diċembru 2016, fejn il-Qorti, ma ħaditx konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni għaliex l-appellant allura imputat kien ħallas lill-Kontrollur tad-Dwana dak li kien dovut minnu iżda kkundannat lill-appellant iħallas multa ta' sitt mija u disgħa u disgħin Euro (€699.00) u kkonfiskat l-arma.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2016 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex: *"tvarja u timmodifika din id-deċiżjoni, billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu waqfet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet akkuża, tilliberah minn kull piena u imputazzjoni taħt l-ewwel u t-tieni akkuża; u fl-eventwalita' li l-Qorti tikkonferma s-sentenza in toto, tvarjaha billi tinfliġġi piena skont il-liġi u li tkun aktar raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, inkluż billi tħassar l-ordni għall-konfiska ta' l-arma."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant iressaq numru ta' aggravji fir-Rikors tal-appell tiegħu. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li ma jirriżultax speċifikament fuq liema imputazzjoni huwa nstab ħati. Jargumenta li filwaqt li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni minħabba pagament u li hija tkellmet ġenerikament dwar l-imputazzjonijiet l-oħra.

Illi l-appellant iressaq aggravji oħra li huma s-segwenti: Huwa jargumenta li l-arma in kwistjoni kienet intirtet fil-familja matul iż-żmien u li hija ma kinitx tappartjeni lilu. Jgħid li l-arma nstabet fid-dar ta' ommu fejn jgħix hu u dana peress li hu kien jgħix ma' ommu u ma' missieru. Huwa jikkontesta l-parti tas-sentenza fejn qalet li hu kellu l-pussess u l-kontroll tal-arma. Jisħaq li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija barra mill-parametri tal-liġi għaliex taqbeż il-massimu u jisħaq ukoll li huwa rregolarizza ruħu mad-Dwana. Jgħid li l-arma għandha valur sentimentali u li għalhekk ma jħossx li għandha tiġi konfiskata.

Illi għal kull buon fini jingħad li fis-seduta miżmuma fl-14 ta' Frar 2019 (*a fol.* 54) din il-Qorti diversament preseduta ssollevat il-possibbli nullita' tas-sentenza appellata.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant u dwar dak sollevat minn din il-Qorti diversament preseduta kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat." [emfażi miżjuda]

Illi fis-sentenza appellata jingħad hekk:

> "Fil-kuntest tal-offiża konċernanti l-Kontrollur tad-Dwana, l-Prosekuzzioni ikkonfermat li l-imputat issalda dak li kien dovut minnu kif kien intitolat jissufruixxi skont il-Kap. 37; kwindi l-Qorti stegħda tieqaf milli tieħu aktar konjizzjoni ta' din l-akkuża.
>
> It-tieni akkuża tixlih li kellu fil-pussess tiegħu *revolver* li ma kienx dikjarat mal-Kummissariu tal-Pulizija. Dan ir-*revolver* li kien flimkien ma' armi oħra pero' reġistrati kien nieqes minn numru serjali. L-imputat stqarr li dak kien wirt ġej minn nannu tiegħu. Il-Brigadier Maurice Calleja li eżamina r-*revolver* fuq rikjesta tal-Qorti sabu li jiffunzjona tajjeb u li għandu ċirca mitt sena risalenti għal elf, disa' mija u erbatax.
>
> Issa mill-provi li semgħet il-Qorti, m'għandux ikun hemm dubbju, kemm, li l-arma kienet oriġinarjament tappartjeni lin-nannu tal-imputat, kemm, li kellha 'l fuq minn mitt sena, u kemm, li l-imputat kellu l-pussess u l-kontroll tagħha.

> Għal fatt biss li l-arma kienet fil-pussess u l-kontroll tiegħu, anka jekk kienet tinżamm fil-fond fejn jabita, u indipendentement minn kemm kienet antika, mhux qabel s-seklu l-ieħor, jagħmel l-imputat passibbli għall-piena komminata *ai termini* tal-Artikolu 51(9) tal-Kap. 480.
>
> In vista ta' dan u wara li rat l-Artikolu fuq ċitat tal-Kap. 480 tikkundannah €699 multa u tordna l-konfiska tal-arma."

Illi minn qari tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirriżulta li l-appellant allura imputat kien akkużat quddiem l-Ewwel Qorti bi tliet imputazzjonijiet. Jidher li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni u ċioè dik li tirrigwarda t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana u dana minħabba r-raġuni msemmija fis-sentenza appellata. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-oħra, *ossia* l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni mhuwiex ċar eżatt fis-sentenza appellata jekk instabitx ħtija fihom. Apparti minn fis-sentenza appellata anqas ġie ndikat l-Artikolu tal-liġi ta' dak li suppost l-appellant allura imputat ġie misjub ħati tiegħu. Huwa minnu li s-sentenza appellata tagħmel riferenza għal Artikolu 51(9) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta pero' dan is-sub-Artikolu jistabbilixxi l-piena għar-reat.

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

> "Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;

Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi issemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).

> Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).
>
> Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati."

Illi minkejja li dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ma kienx identiku eżatt għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, din il-Qorti tinnota li n-nuqqas tal-Ewwel Qorti li ssemmi li kienet qed issib ħtija fl-appellant u ta' xiex eżattament hija kkundannatu jħallas multa (inkluż li naqset ukoll li ssemmi l-Artikolu tal-liġi dwar dak li jidher sejbien ta' ħtija da parte tagħha fir-rigward tal-appellant) iwassalha sabiex tabbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat. Tenut kont tal-fatt li din il-Qorti ser abbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat, b'hekk isegwi li hija ma għandhiex għalfejn tagħmel konsiderazzjonijiet dwar il-bqija li ġie sottomess fir-Rikors tal-appell tal-appellant.

Illi kif qalet is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** hawn fuq iċċitata:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant

> irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage** (Numru 464/2010).

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda *ex officio* tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**